Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0119

Il-kontroll tal-attivitajiet finanzjarji tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – rapport annwali 2024

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2026 dwar il-kontroll tal-attivitajiet finanzjarji tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – rapport annwali 2024 (2025/2237(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività tal-2024 tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) tat-30 ta' Jannar 2025 bit-titolu "Priorities for prosperity" (Prijoritajiet għall-prosperità),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-5 ta' Marzu 2025 tal-BEI bit-titolu "Investment Report 2024/2025 – Innovation, integration and simplification in Europe" (Rapport dwar l-Investiment 2024/2025 – L-innovazzjoni, l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni fl-Ewropa), u r-rapport tas-7 ta' Frar 2024 tal-BEI bit-titolu "Investment Report 2023/2024 – Transforming for competitiveness" (Rapport dwar l-Investiment 2023/2024 – Trasformazzjoni għall-kompetittività),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp tal-BEI dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Trasparenza tal-Grupp tal-BEI fl-2023, ippubblikat fl-1 ta' Lulju 2024, u l-Politika ta' Trasparenza tal-BEI, approvata fis-17 ta' Novembru 2021 u emendata fis-16 ta' Lulju 2025,

– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali Strateġiku għall-perjodu 2024-2027 tal-Grupp tal-BEI tal-21 ta' Ġunju 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport tat-13 ta' Ġunju 2024 bit titolu "EIB Global Impact Report 2023/2024"(L-Impatt Globali 2023/2024 tal-BEI),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/504 tal-11 ta' Marzu 2025 li temenda l-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment[1],

---

1 ĠU L, 2025/504, 14.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/504/oj.

– wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Grupp tal-BEI, ippreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fil-Lussemburgu fit-12 ta’ April 2024,

– wara li kkunsidra l-Pjan Operazzjonali għall-perjodu 2024-2026 tad-9 ta’ Frar 2024 tal-Grupp tal-BEI u l-Pjan Operazzjonali għall-perjodu 2025-2027 tat-30 ta’ Jannar 2025 tal-Grupp tal-BEI,

– wara li kkunsidra t-tielet rapport annwali tal-15 ta’ Lulju 2024 tal-Grupp tal-BEI bit-titolu “EIB Group activities in EU cohesion regions” (Attivitajiet tal-Grupp tal-BEI fir-reġjuni ta’ koeżjoni tal-UE),

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bord tal-BEI tal-21 ta’ Marzu 2025 li tillimita l-attivitajiet esklużi, li ssegwi l-pożizzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta’ Marzu 2025,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tad-19 ta’ Marzu 2025 tal-Kummissjoni bit-titolu “Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti – Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE” (COM(2025)0124),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta’ Ġunju 2025 tal-Grupp tal-BEI bit-titolu “Complaints Mechanism – 2024 annual report” (Mekkaniżmu tal-Ilmenti — rapport annwali 2024),

– wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kumitat tal-Verifika tal-BEI għas-sena 2024, ippubblikati fit-12 ta’ Settembru 2025,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-26 ta’ Ġunju 2024 tal-Grupp tal-BEI bit-titolu “EIB Group support for EU businesses: Evidence of impact in addressing market failures” (Appoġġ tal-Grupp tal-BEI għan-negozji tal-UE: Evidenza tal-impatt fl-indirizzar tal-fallimenti tas-suq),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-5 ta’ Marzu 2024 tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà bit-titolu “Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża: Il-kisba ta’ tħejjija tal-UE permezz ta’ Industrija Ewropea tad-Difiża reattiva u reżiljenti” (JOIN(2024)0010),

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 22/2024 tal-21 ta’ Ottubru 2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) bit-titolu “Finanzjament doppju mingħand il-baġit tal-UE”,

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 07/2025 tad-19 ta’ Marzu 2025 tal-QEA bit-titolu “Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi”,

– wara li kkunsidra r-rapport tat-8 ta’ Awwissu 2025 tal-Grupp tal-BEI bit-titolu “December 2024 European Investment Bank Group Risk Management Disclosure Report” (Diċembru 2024 Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – Rapport ta’ Divulgazzjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskju),

– wara li kkunsidra rapport tal-Grupp tal-BEI bit-titolu “Investigations Activity Report 2024” (Rapport tal-Attività dwar l-Investigazzjonijiet 2024), ippubblikat fl-4 ta’ Awwissu 2025,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tad-19 ta’ Marzu 2025 tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà bit-titolu “White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030” (JOIN(2025)0120),

– wara li kkunsidra r-rapport ta’ Lulju 2025 tal-Grupp tal-BEI bit-titolu “EIB Group’s contribution to the European Union’s 2021 – 2027 Multiannual Financial Framework (MFF): A synthesis of evaluative evidence” (Il-kontribut tal-Grupp tal-BEI għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 tal-Unjoni Ewropea: Sinteżi tal-evidenza evalwattiva),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-2024 ippubblikat mill-Kummissjoni bit-titolu “Access to equity financing for European defence SMEs” (Aċċess għall-finanzjament mill-bejgħ ta’ ishma għall-SMEs Ewropej fis-settur tad-difiża)[2],

– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-QEA 01/2026 tas-12 ta’ Jannar 2026,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni CC 1/2025 tat-30 ta’ Settembru 2025 tal-Kumitat ta’ Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Unjoni Ewropea dwar l-awditjar pubbliku estern tal-Bank Ewropew tal-Investiment,

– wara li kkunsidra r-rapport ta’ Enrico Letta tas-17 ta’ April 2024 bit-titolu “Much more than a Market – Speed, Security, Solidarity: Empowering the single market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU citizens” (Ħafna aktar minn suq – Veloċità, Sigurtà, Solidarjetà: Nagħtu s-setgħa lis-suq uniku biex iwassal futur sostenibbli u prosperità għaċ-ċittadini kollha tal-UE” (ir-rapport Letta),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-25 ta’ April 2024 tal-kumitat ta’ esperti ppresedut minn Christian Noyer bit-titolu “Developing European capital markets to finance the future” (L-iżvilupp tas-swieq kapitali Ewropej għall-finanzjament tal-futur),

– wara li kkunsidra r-rapport tad-9 ta’ Settembru 2024 ta’ Mario Draghi bit-titolu “The future of European competitiveness” (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-rapport Draghi),

---

[2] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju, *Access to equity financing for European defence SMEs* (Aċċess għall-finanzjament mill-bejgħ ta’ ishma għall-SMEs Ewropej fis-settur tad-difiża), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2889/698738.

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni għall-istampa tal-4 ta’ Marzu 2025 tal-President tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen, dwar il-pakkett tad-difiża,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta’ Marzu 2025 dwar il-white paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea[3],

– wara li kkunsidra lista tal-Grupp tal-BEI tal-attivitajiet esklużi, ippubblikata fis-17 ta’ Lulju 2025,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0086/2026),

A. billi l-Grupp tal-BEI jikkonsisti fil-BEI – l-akbar istituzzjoni finanzjarja multilaterali fid-dinja, li hija kompletament proprjetà tal-Istati Membri tal-UE – u fil-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI); billi l-attivitajiet ta’ bank pubbliku għandhom ikunu li jindirizza fallimenti tas-suq u diskrepanzi fl-investiment ċari fejn ikun hemm nuqqas ta’ finanzjament privat;

B. billi l-Grupp tal-BEI għandu, skont d-dispożizzjonijiet tat-Tratti tal-UE, jikkontribwixxi għall-iżvilupp bilanċjat u regolari tas-suq intern fl-interessi tal-Unjoni, billi l-investimenti tiegħu għandhom jiffukaw fuq proġetti li jwasslu addizzjonalità u valur għall-flus dimostrabbli u li għandhom l-għan li jiżviluppaw is-suq intern, jew proġetti ta’ interess komuni li ma jistgħux jiġu ffinanzjati kompletament bil-mezzi disponibbli fi Stat Membru;

C. billi l-finanzjament tal-BEI għandu jikkomplementa, mhux jissostitwixxi, il-baġits nazzjonali u l-finanzjament privat u jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, b’mod partikolari f’oqsma ta’ politika ta’ kompetenza primarjament nazzjonali; billi l-finanzjament tal-BEI jrid jipprovdi valur miżjud ċar tal-UE u riżultati dimostrabbli li jistgħu jitkejlu f’termini ta’ addizzjonalità ġenwina;

D. billi l-Grupp tal-BEI jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan l-UE u jappoġġja l-politika ta’ kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni permezz ta’ miżuri implimentati barra mill-UE;

E. billi r-rapporti Letta u Draghi dwar il-futur tal-UE jitolbu li tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE, jenfasizzaw ir-rwol vitali tal-integrazzjoni tas-suq u jissottolinjaw il-ħtieġa li jiġi aċċellerat kemm l-investiment pubbliku kif ukoll dak privat biex tinbena Ewropa aktar b’saħħitha; billi l-Grupp tal-BEI għandu rwol ewlieni, b’mod partikolari permezz tal-FEI, fl-appoġġ tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), u

---

3 ĠU C, C/2025/3151, 20.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3151/oj

b’hekk isaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jaċċessaw is-swieq finanzjarji; billi r-rwol tal-BEI fl-akkomodazzjoni għandu jiġi vvalutat skont kriterji ta’ addizzjonalità u jikkomplementa l-isforzi nazzjonali aktar milli jissostitwihom;

F. billi l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI tikkostitwixxi assi strateġiku għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

G. billi dan ir-rapport jiffoka fuq id-dimensjoni ta’ kontroll tal-attivitajiet tal-BEI u jivvaluta l-valur għall-flus, l-obbligu ta’ rendikont u l-ġestjoni tajba tar-riżorsi tal-UE; billi l-espansjoni kontinwa tal-mandat tal-BEI u ż-żieda fil-garanziji tal-baġit tal-UE li jappoġġjaw l-operazzjonijiet tal-BEI jagħmluha leġittima u meħtieġa biex il-livell ta’ skrutinju estern jikber b’mod korrispondenti;

H. billi r-responsabbiltà demokratika trid iżomm ir-ritmu tar-rwol li qed jevolvi tal-BEI; billi l-profondità u l-kwalità tas-sorveljanza tal-Parlament tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-BEI għandhom għalhekk jikkorrispondu għall-intensità tal-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni, li saret sinifikanti ħafna; billi r-rwol dejjem jikber tal-BEI għandu jkun akkumpanjat minn responsabbiltà demokratika u trasparenza akbar; billi żieda fl-iskrutinju parlamentari jsaħħaħ ir-responsabbiltà demokratika tal-BEI u din teħtieġ rapportar trasparenti, aċċess għall-awditjar u segwitu strutturat għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament;

I. billi l-protezzjoni effettiva tal-informaturi u l-ġurnaliżmu investigattiv jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-frodi u għall-kisba ta’ ġestjoni finanzjarja tajba, minħabba li jsaħħu t-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku;

J. billi l-BEI huwa proprjetà tal-Istati Membri, bl-ammont ta’ EUR 248,8 biljun tiegħu f’kapital sottoskritt jirrappreżenta obbligazzjoni tal-kontribwenti; billi s-self tal-BEI ma jidhirx fl-istatistika nazzjonali dwar id-dejn; billi din in-natura li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ tagħmel l-istandards rigoruż ta’ effiċjenza u l-awditu estern essenzjali; billi l-espansjoni tal-mandat tal-BEI trid tkun akkumpanjata mit-tisħiħ tal-arranġamenti tal-awditjar estern;

K. billi l-Grupp tal-BEI għandu mekkaniżmi interni għall-obbligu ta’ rendikont, li, madankollu, mhumiex sostitut għall-kontroll u s-sorveljanza demokratiċi esterni indipendenti mill-QEA;

L. billi, skont il-qafas attwali tat-Trattat u l-Istatut tal-BEI, il-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Parlament fil-kuntest tar-rapport annwali ta’ kontroll hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq arranġamenti informali u prattiki stabbiliti aktar milli fuq obbligi istituzzjonali vinkolanti;

M. billi l-mudell ta’ negozju tal-BEI jitlob l-ogħla standards ta’ integrità, obbligu ta’ rendikont u trasparenza, u jeħtieġ li jiġu adottati u

aġġornati kontinwament miżuri adegwati biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta’ frodi, ħasil tal-flus, terroriżmu, u kriminalità organizzata u evitar tat-taxxa;

N. billi l-BEI għandu rwol ewlieni fl-avvanz tal-objettivi esterni tal-Unjoni permezz tal-attivitajiet ta’ self tiegħu f’pajjiżi mhux tal-UE, inkluż permezz tal-BEI Globali, imniedi fl-2022, li għandu jiġi allinjat mal-politiki u l-prijoritajiet tal-UE madwar id-dinja; billi kooperazzjoni effettiva mal-pajjiżi sħab dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni, inklużi r-riammissjoni u r-ritorn ta’ migranti li ma jkollhom l-ebda dritt legali li jibqgħu fl-Unjoni, hija kunsiderazzjoni rilevanti fil-kuntest tal-qafas ta’ self estern tal-UE;

O. billi l-persunal fil-livelli kollha tal-Grupp tal-BEI, inkluż il-maniġment superjuri u l-Bord, għandu jkun ibbilanċjat tajjeb skont il-ġeneru u ġeografikament, filwaqt li jiġu rispettati kompletament il-prinċipji tal-għażla abbażi tal-mertu; billi l-benesseri tal-persunal u qafas trasparenti u ġust tar-riżorsi umani huma materjali għar-reżiljenza u l-integrità istituzzjonali;

Operazzjonijiet finanzjarji u prestazzjoni

1. Jinnota l-prestazzjoni finanzjarja stabbli tal-Grupp tal-BEI fl-2024 u r-riżultati konsolidati tiegħu fl-2024, li jammontaw għal EUR 3,38 biljun; jisħaq li l-preservazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-BEI trid tibqa’ objettiv primarju tal-governanza tal-BEI; jisħaq li l-klassifikazzjoni AAA tal-BEI hija assi strateġiku li jippermetti lill-BEI jiżgura kundizzjonijiet ta’ finanzjament favorevoli; jisħaq li s-suċċess irid ikompli jitkejjel, kif ukoll jitkejjel dejjem aktar, permezz ta’ eżiti ekonomiċi u ta’ politika dimostrabbli, u mhux biss b’volumi ffirmati; jisħaq, barra minn hekk, li l-prestazzjoni finanzjarja għandha titkejjel ukoll skont l-evidenza tal-addizzjonalità tal-politika, il-valur għall-flus u eżiti li jistgħu jitkejlu; ifakkar li l-proċeduri simplifikati għandhom jiġu sottomessi perjodikament għal rieżami indipendenti;

2. Jinnota bi tħassib li l-porzjon ta’ pagamenti arretrati b’aktar minn 90 jum ittrippla, b’total ta’ EUR 281,3 miljun fi tmiem l-2024 u li jirrappreżenta 0,06 % tal-portafoll totali tas-self (meta mqabbel ma’ EUR 82,4 miljun jew 0,02 % fi tmiem l-2023) u, filwaqt li jirrikonoxxi li baqgħu żgħar ħafna meta mqabbla mal-istandards bankarji, jistieden lill-BEI jispjega l-kawżi sottostanti u jirrapporta dwar miżuri korrettivi meħuda; jisħaq li kwalunkwe żieda fl-iskoperturi li ma jrendux trid tiġi mmonitorjata bir-reqqa sabiex jiġu ssalvagwardjati l-istabbiltà finanzjarja u l-affidabbiltà kreditizja tal-BEI; jenfasizza li dawn iż-żidiet fl-iskoperturi li ma jrendux u fil-pagamenti arretrati jaqbżu b’mod sinifikanti t-tkabbir ta’ 2 % fil-portafoll ġenerali tas-self;

InvestEU, is-simplifikazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

3. Jinnota li fl-2024 il-BEI approva 38 operazzjoni fl-ambitu ta' InvestEU, bl-użu ta' EUR 1,7 biljun tal-garanzija tal-UE; jinsisti li r-rapportar irid jikkomplementa l-metriċi bbażati fuq l-input b'indikaturi bbażati fuq l-impatt li juru eżiti ekonomiċi ġenwini u jrid jinkludi valutazzjoni tal-addizzjonalità u analiżi *ex post* tal-evizzjoni potenzjali, inkluż għal operazzjonijiet implimentati permezz ta' intermedjarji finanzjarji; jitlob approċċ ta' bbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni fejn l-allokazzjonijiet kapitali u l-prijoritajiet strateġiċi jiġu evalwati abbażi ta' effiċjenza ppruvata, redditu fuq l-investiment u valur ġenwin għall-flus, minbarra l-konformità ma' miri perċentwali predeterminati;

4. Jisħaq li l-programm InvestEU għandu jiġi vvalutat skont il-kwalità tal-interventi tiegħu mhux biss abbażi tal-kwantità ta' finanzjament użat; ifakkar li, bħalissa, ma hemm l-ebda qafas ta' kejl verifikabbli fis-seħħ għall-valutazzjoni tal-eżiti tal-proġetti ffinanzjati fl-ambitu ta' InvestEU;

5. Jinnota li x-xenarju frammentat u kumpless tal-finanzjament tal-UE jwassal għal ineffiċjenzi; jisħaq li t-tnaqqis tal-burokrazija huwa essenzjali biex terġa' tinkiseb il-kompetittività u li s-simplifikazzjoni għandha tnaqqas il-piż amministrattiv mingħajr ma ddgħajjef ir-rekords tal-awditjar, it-trasparenza jew il-kontrolli kontra l-frodi; jinnota l-isforzi ta' simplifikazzjoni tal-valutazzjoni tal-BEI dwar iż-"Żmien għat-Tqegħid fis-Suq"; jistieden lill-BEI jippubblika indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni annwali dwar l-approvazzjonijiet u juri tnaqqis li jista' jitkejjel fil-piż amministrattiv għall-applikanti, b'mod partikolari l-SMEs u l-mid-caps;

6. Jilqa' l-evalwazzjoni li għaddejja tal-qafas tal-BEI dwar l-Addizzjonalità u l-Kejl tal-Impatt u jinnota li r-riżultati huma mistennija fl-ewwel nofs tal-2026; jistieden lill-BEI u lill-Kummissjoni jistabbilixxu metodoloġija komuni ta' addizzjonalità *ex post* għall-operazzjonijiet appoġġati mill-UE, u jirrapportaw regolarment dwar l-effetti tagħha fil-livell tal-portafoll u tas-settur;

Sigurtà tal-enerġija

7. Jistieden lill-BEI jevalwa l-proġetti kollha b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inklużi dawk nukleari, skont kriterji oġġettivi u trasparenti, inklużi l-intensità tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-istabbiltà tal-grilja u f'termini ta' kosteffettività, filwaqt li japplika n-newtralità teknoloġika u jiffoka fuq proġetti transfruntiera strateġiċi biex jiżdied il-valur miżjud tal-UE; jinnota li fl-2024 l-BEI investa aktar minn EUR 27 biljun fit-tranżizzjoni tal-enerġija u fis-sigurtà tal-enerġija, inklużi l-enerġija rinnovabbli, il-grilji u l-ħżin; jistieden lill-BEI jipprijoritizza l-effiċjenza enerġetika u l-kosteffiċjenza, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ id-dritt sovran tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom;

8. Jesprimi tħassib dwar ir-rekwiżiti ta’ rapportar ambjentali, soċjali u ta’ governanza (ESG) sproporzjonati imposti fuq il-mutwatarji tal-BEI; iwissi li l-obbligi ta’ divulgazzjoni eċċessivi jiskoraġġixxu proġetti ekonomikament vijabbli u joħolqu żvantaġġi kompetittivi għan-negozji Ewropej; jistieden lill-BEI jirrieżamina r-rekwiżiti ta’ rapportar ESG tiegħu bil-ħsieb li jiżgura l-proporzjonalità;

Politika ta’ difiża u ta’ sigurtà

9. Jisħaq fuq l-importanza tal-kontribut tal-Grupp tal-BEI għall-paċi, id-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa, kif stabbilit fil-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, permezz tal-appoġġ tiegħu għal inizjattivi li jsaħħu l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tal-Unjoni, jirrinforzaw l-industrija tad-difiża tal-UE, itejbu l-infrastruttura taċ-ċibersigurtà u jippromwovu l-innovazzjoni f’teknoloġiji kritiċi tad-difiża billi jipprovdu finanzjament u ingranaġġ tal-investiment privat;

10. Jinnota d-deċiżjoni tal-Bord tal-BEI tal-21 ta’ Marzu 2025 li jwessa’ l-kriterji ta’ eliġibbiltà tal-Grupp tal-BEI għall-investimenti fis-sigurtà u d-difiża, filwaqt li jillimita l-attivitajiet eskużi, f’konformità mal-proposti approvati mill-mexxejja tal-UE fil-Kunsill Ewropew fis-6 ta’ Marzu 2025;

11. Jilqa’ r-rwol kontinwu u msaħħaħ tal-BEI fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-Ewropa permezz ta’ investimenti mmirati kemm fl-infrastruttura tad-difiża kif ukoll f’dik ċivili, f’konformità mal-għanijiet usa’ tal-UE li tippromwovi l-innovazzjoni u ssaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni; jisħaq li l-BEI għandu jkompli jinvesti f’Ewropa sikura u sigura, filwaqt li jappoġġja l-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u l-forniment ta’ prodotti, servizzi u teknoloġiji li jsaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża, tar-riċerka u l-iżvilupp, u tal-innovazzjoni tal-Ewropa; jitlob li l-kamp ta’ applikazzjoni tal-investimenti eliġibbli jiġi aġġustat aktar biex jintlaħaq l-għan ambizzjuż li jikkontribwixxi għad-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa;

12. Jinnota ż-żieda qawwija fil-finanzjament tal-BEI għas-sigurtà u d-difiża minn EUR 0,5 biljun fl-2023 għal EUR 1,04 biljun fl-2024, u ż-żieda ulterjuri fl-2025; jirrimarka li l-Inizjattiva Strateġika Ewropea għas-Sigurtà attwali ta’ EUR 8 biljun tal-BEI se tiġi integrata f’objettiv permanenti u trażversali tal-politika pubblika, li jikkomplementa l-għanijiet eżistenti tal-politika pubblika, ineħħi l-limiti massimi predefiniti għall-finanzjament tas-sigurtà u jippermetti appoġġ akbar u flessibbli f’konformità mal-prijoritajiet tal-Kunsill; jitlob li jiġi ppreżentat anness ta’ rapportar annwali ddedikat lill-Parlament dwar l-operazzjonijiet ta’ sigurtà u difiża, inklużi l-addizzjonalità, il-veloċità tal-implimentazzjoni, is-salvagwardji tal-akkwist, il-kontrolli tal-integrità u l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riskju;

13. Jistieden lill-BEI jkompli jsaħħaħ is-sinerġiji mal-investimenti fid-difiża ffinanzjati mill-baġit tal-UE u jallinja dawn l-investimenti aktar mill-qrib mal-inizjattivi fl-UE kollha; jenfasizza lill-BEI l-ħtieġa li jiżgura li l-investimenti tiegħu jikkomplementaw għanijiet usa' tal-politika ta' difiża tal-UE u jikkontribwixxu għall-kisba ta' ekonomiji ta' skala fil-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej;

14. Jinnota l-espansjoni sinifikanti tal-appoġġ tal-BEI għall-operazzjonijiet ta' sigurtà u difiża; jisħaq li kwalunkwe espansjoni potenzjali tal-appoġġ tal-BEI fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża trid tkun soġġetta għal trasparenza stretta, obbligu ta' rendikont u salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem, kriterji ċari ta' esklużjoni, monitoraġġ tal-użu finali, u rapportar regolari lill-Parlament;

15. Jistieden lill-BEI jidentifika l-ostakli li jimpedixxu l-investimenti fid-difiża u fil-protezzjoni tal-fruntieri li jsaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw il-konformità mad-dritt tal-UE u s-sorveljanza demokratika; jisħaq li t-tneħħija tal-ostakli hija essenzjali għal eżiti tanġibbli fil-qasam tas-sigurtà; ifakkar li kwalunkwe allokazzjoni ta' fondi mill-BEI, permezz ta' InvestEU u strumenti finanzjarji oħra għal skopijiet ta' difiża u għal investimenti f'teknoloġiji kritiċi, trid tirrispetta bis-sħiħ l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri; jissottolinja li l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti tal-awditjar tal-istituzzjonijiet tal-UE għandhom iwettqu kontrolli tal-awditjar bir-reqqa u kontinwi fil-konfront ta' entitajiet terzi u pajjiżi terzi li huma benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE u li jwettqu investimenti u proġetti fil-qasam tad-difiża, biex jiġi żgurat l-użu trasparenti tal-finanzjament tal-UE; jisħaq li l-eżitu ta' tali investimenti u proġetti ma jridx jimmina l-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri; jistieden lill-BEI jespandi l-enfasi tiegħu fuq it-tisħiħ tas-sigurtà u r-reżiljenza reġjonali; jenfasizza r-rwol importanti li l-BEI jista' jkollu fil-ħolqien ta' infrastruttura li tappoġġja s-sigurtà reġjonali u trawwem kooperazzjoni akbar bejn l-Istati Membri fi kwistjonijiet tal-enerġija u d-difiża;

16. Jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib u strutturata stabbilita mal-Fond għall-Innovazzjoni tan-NATO biex jiġu żgurati sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, b'mod partikolari għall-espansjoni ta' teknoloġiji fejn il-kapital privat ma jkunx biżżejjed;

Investimenti f'oqsma ta' kompetenza nazzjonali

17. Ifakkar li l-isfidi tal-akkomodazzjoni jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv fil-livell lokali jew nazzjonali; jinnota l-isforzi tal-Grupp tal-BEI biex jiżgura valur miżjud tal-UE meta jindirizza l-isfidi tal-akkomodazzjoni fil-livelli lokali u nazzjonali billi jappoġġja soluzzjonijiet skalabbli li jikkomplementaw l-isforzi nazzjonali u jwasslu għal eżiti li jistgħu jitkejlu; jirrikonoxxi li l-investimenti fl-infrastruttura tal-akkomodazzjoni f'reġjuni anqas żviluppati huma allinjati bis-sħiħ mal-mandat tal-BEI u mal-objettiv tal-BEI minqux fit-

Trattat li tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi ssir enfasi fuq reġjuni anqas żviluppati;

18. Jinnota l-pjan ta' azzjoni tal-Grupp tal-BEI għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli u l-impenn tiegħu li jinvesti fis-settur; jirrikonoxxi l-impenn tal-Grupp tal-BEI li jżid l-investimenti fl-infrastruttura soċjali, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, kif stabbilit fil-prijoritajiet strateġiċi tiegħu għall-2024 sal-2027 u l-pjan operazzjonali tiegħu għall-2026-2028; jinnota l-potenzjal tal-appoġġ immirat tal-BEI għar-rinnovazzjoni tal-istokk eżistenti tal-akkomodazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, dment li tali operazzjonijiet juru addizzjonalità u valur għall-flus;

19. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu żgurati l-addizzjonalità u l-komplementarjetà ma' fondi pubbliċi u mutwanti kummerċjali oħra, filwaqt li titwettaq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż dwar l-edukazzjoni, u jisħaq li l-involviment tal-BEI għandu jkun limitat għal proġetti b'valur dimostrabbli għall-flus, bħall-infrastruttura tar-riċerka transfruntiera jew programmi ta' ħiliet li jindirizzaw id-diskrepanzi fis-suq tax-xogħol fl-UE kollha; jinsisti li l-finanzjament tal-BEI ma jridx ikun sostitut għall-baġits nazzjonali għall-edukazzjoni;

Appoġġ għall-SMEs, il-mid-caps, l-istart-ups, l-iscale-ups u negozji oħra

20. Jenfasizza li l-BEI jeħtieġlu jimmira lejn fallimenti ġenwini tas-suq u l-finanzjament ta' proġetti li s-settur privat waħdu ma jiffinanzjax, jew jiffinanzja biss taħt kundizzjonijiet anqas favorevoli; jisħaq li l-investimenti tal-BEI ma jridux jissostitwixxu l-kapital privat jew iservu bħala sostitut għan-nefqa baġitarja rikorrenti nazzjonali; jisħaq li l-protezzjoni tal-ambjent tas-suq kompetittiv hija essenzjali;

21. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tal-kumpaniji kbar tal-UE fl-istruttura ekonomika tal-UE, b'mod partikolari dawk li joperaw f'setturi essenzjali bħall-enerġija, id-difiża u l-infrastruttura; jappella għal approċċ ibbilanċjat li jiżgura li l-BEI jkompli jappoġġja l-kumpaniji kbar tal-UE fl-iżgurar ta' kapital ta' investiment għal proġetti u inizjattivi ta' riċerka u żvilupp maġġuri, biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività globali u s-sovranità ekonomika tal-UE;

22. Iħeġġeġ lill-BEI jkompli bir-rwol tiegħu li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups biex tissaħħaħ l-kompetittività fit-tul tal-UE, peress li spiss jiffaċċjaw ostakli għall-finanzjament minn istituzzjonijiet finanzjarji tradizzjonali, u billi jipprovdi finanzjament immirat biex jiġi żgurat li jkollhom biżżejjed riżorsi biex jikbru u jistagħnew; jilqa' l-espansjoni kostanti tal-għadd ta' istituzzjonijiet sħab u jitlob li din tkompli tilħaq kopertura ġeografika u settorjali wiesgħa; jistieden lill-BEI jżid is-sehem tal-finanzjament dirett lejn investimenti li jsaħħu l-kompetittività, b'mod

partikolari f’setturi strateġiċi bħall-manifattura avvanzata, it-teknoloġiji diġitali u r-reżiljenza tal-enerġija;

23. Jinnota s-sejbiet tar-Rapport Speċjali 07/2025 tal-QEA li jikkonfermaw ir-rilevanza tal-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), iżda wkoll li l-addizzjonalità tiegħu ma ntwerietx biżżejjed u li l-Kummissjoni ma vverifikatx l-effett ta’ evizzjoni tal-FEIS; jisħaq li l-istess tħassib jista’ jitqajjem ukoll dwar l-operazzjonijiet tal-BEI fl-ambitu ta’ InvestEU; jissottolinja r-riskji ta’ evizzjoni tal-investimenti privati, bħall-kompressjoni artifiċjali tal-primjums tar-riskju, speċjalment fi swieq bħall-enerġija rinnovabbli, li jimminaw is-sinjali tal-prezzijiet li jiggwidaw l-investiment effiċjenti, u jistgħu jiġu perċepiti bħala forma ta’ greenwashing; jappella għal valutazzjonijiet ta’ evizzjoni *ex post*;

24. Jinnota li xi drabi s-self tal-BEI jinvolvi piżijiet amministrattivi ogħla mis-self kummerċjali; iwissi li r-rekwiżiti ta’ rapportar eċċessivi jagħmlu l-finanzjament tal-BEI anqas attraenti għas-settur privat u jistgħu jiskoraġġixxu proġetti ekonomikament vijabbli; jistieden lill-BEI jippubblika pjanijiet biex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-BEI jivvalutaw kif jaċċelleraw iż-żmien għat-tqegħid fis-suq tal-BEI kif ukoll jissimplifikaw il-mandati ta’ finanzjament u r-rekwiżiti ta’ rapportar, mingħajr ma jikkompromettu l-istandards tal-awditjar; jitlob lill-BEI jirrapporta dwar l-evidenza tad-distakk fis-suq u l-eżiti *ex post* u dwar is-simplifikazzjoni amministrattiva, il-ħinijiet tal-ipproċessar u l-piż tad-dokumentazzjoni, fid-dawl tal-inizjattivi tal-Grupp tal-BEI dwar id-diġitalizzazzjoni u ż-“Żmien għat-Tqegħid fis-Suq”;

Oqsma ta’ politika tal-koeżjoni, il-klima, id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali

25. Jisħaq li r-rapportar ibbażat fuq il-volum ikejjel l-outputs u mhux ir-riżultati; jistieden lill-BEI jkompli juża indikaturi orjentati lejn ir-riżultati, bħall-emissjonijiet tas-CO^2 evitati u l-impjiegi fit-tul fis-settur privat maħluqa għal kull euro investit, u saħansitra jżid l-użu tagħhom; jirrakkomanda valutazzjoni komparattiva tal-interventi komparabbli;

26. Jisħaq li r-rapportar dwar il-klima u s-sostenibbiltà jrid ikun ibbażat fuq outputs u eżiti verifikabbli (inkluż tnaqqis fl-emissjonijiet, gwadanji fir-reżiljenza u effetti ta’ ingranaġġ), appoġġjati minn metodoloġija koerenti tal-portafoll u evalwazzjoni indipendenti;

27. Jinnota l-finanzjament ta’ koeżjoni rekord tal-Grupp tal-BEI li ammonta għal EUR 38,3 biljun fl-2024, u li jirrappreżenta 48 % tal-finanzjament totali tal-UE; jistieden lill-BEI jippubblika data dwar l-impatt diżaggregata reġjun b’reġjun biex jippermetti skrutinju effettiv;

28. Jistieden lill-BEI jżid it-trasparenza fir-rigward tal-objettivi trażversali tiegħu billi jiddistingwi b'mod ċar bejn il-miri obbligatorji skont ir-regolamenti tal-UE u dawk mibdija mill-BEI nnifsu; jitlob diżaggregazzjoni dettaljata ta' kif il-miri differenti jikkompetu għar-riżorsi; iwissi li l-akkumulazzjoni kontinwa ta' miri ta' integrazzjoni li jikkoinċidu tirriskja li toħloq kompożizzjoni tal-portafoll matematikament impossibbli; jistieden lill-BEI jirrapporta b'mod trasparenti dwar il-kompromessi bejn l-għanijiet ta' politika li jikkompetu ma' xulxin; itenni li l-objettivi ta' integrazzjoni għandhom jiġu evalwati għall-impatt ġenwin tagħhom; jinnota li, minħabba l-kuntest ġeopolitiku attwali u l-isfidi tas-sigurtà li qed tiffaċċja l-Ewropa, l-investimenti fid-difiża u s-sigurtà, inkluż l-appoġġ għall-infrastruttura tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni, għandhom jissaħħu;

29. Jistieden lill-BEI u lill-FEI jappoġġjaw l-investimenti fiċ-ċibersigurtà, fis-sorveljanza u fit-teknoloġiji diġitali, biex l-Ewropa ssir aktar reżiljenti filwaqt li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti u jiġu protetti s-servizzi essenzjali;

L-attivitajiet tal-BEI barra mill-UE

30. Jinsisti li l-livell ta' self barra mill-UE jkun soġġett għal salvagwardji robusti dwar it-trasparenza, il-protezzjonijiet kontra l-frodi, il-konformità mas-sanzjonijiet, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u li jqis il-kooperazzjoni dwar il-ftehimiet ta' ritorn u jibqa' konsistenti mal-objettivi tal-politika esterna tal-UE; jappella għal kontrolli *ex ante* u *ex post* imsaħħa, inkluża t-traċċabbiltà tal-benefiċjarji finali, u għal miżuri robusti kontra l-korruzzjoni, trasparenza akbar jew ekwivalenti, valutazzjonijiet *ex ante* tal-impatt u obbligu ta' rendikont pubbliku sħiħ fl-operazzjonijiet kollha tal-BEI barra mill-UE;

31. Jilqa' l-adozzjoni, fl-2024, tal-Faċilità għall-Ukrajna li ssegwi l-inizjattiva tal-BEI "EU for Ukraine" u tistabbilixxi mekkaniżmu ta' appoġġ ibbażat fuq ir-riżorsi baġitarji tal-UE; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżguraw li jkompli jingħata appoġġ sod lill-pajjiż f'konformità mal-ħtiġijiet tiegħu; jistieden lill-BEI jiżgura t-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-proġetti tiegħu fl-Ukrajna; jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u tal-awditjar tal-awtoritajiet Ukreni fdati bl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-azzjonijiet iffinanzjati;

32. Jinnota li l-BEI żborża EUR 2,3 biljun f'għajnuna ta' emerġenza u appoġġ għall-proġetti lill-Ukrajna mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja; jinnota li l-iskopertura żborżata tal-BEI fl-Ukrajna hija fil-biċċa l-kbira koperta mill-garanziji tal-UE fl-ambitu tal-Mandat ta'

Self Estern tal-UE[4]; jenfasizza li l-appoġġ tal-BEI għas-settur privat ippermetta lill-banek Ukreni jkomplu jsellfu lill-ekonomija reali; jinnota li, sa tmiem l-2024, il-BEI kien ta garanziji finanzjarji fuq skoperturi ta' EUR 500,5 miljun, li kienu wkoll koperti bis-sħiħ mill-garanziji tal-UE, lil kontropartijiet li jinsabu fl-Ukrajna; jirrimarka li l-BEI jżomm preżenza lokali fl-Ukrajna u li l-uffiċċju ta' Kiev progressivament rrekluta persunal ġdid; Itenni t-talba tiegħu lill-BEI biex jipprovdi aġġornamenti regolari u dettaljati lill-awtorità baġitarja u lill-korpi tal-awditjar rilevanti rigward l-iżborż u l-implimentazzjoni tal-fondi koperti mill-garanziji tal-UE;

33. Jinnota li, fl-2024, il-Grupp tal-BEI ntgħażel bħala wieħed mis-sħab ta' implimentazzjoni ewlenin tal-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna, parti mill-Faċilità għall-Ukrajna li taħtha se jiġu allokati EUR 50 biljun mill-UE matul il-perjodu 2024-2027 biex jiġi ffinanzjat il-baġit tal-Istat Ukren, jiġi stimulat l-investiment u jiġi pprovdut appoġġ tekniku; jinnota li l-qafas huwa magħmul minn garanziji u għotjiet għall-istituzzjonijiet Ewropej u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għall-iżvilupp u li mill-inqas EUR 2 biljun tal-appoġġ disponibbli huwa mistenni li jsostni s-self tal-BEI lis-settur pubbliku;

34. Ifakkar li l-BEI huwa impenjat li jipprevjeni u jindirizza l-frodi u l-korruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-Grupp tal-BEI fl-Ukrajna; jilqa' l-arranġamenti ta' kooperazzjoni tal-BEI mal-awtoritajiet Ukreni kontra l-korruzzjoni u investigattivi u jistieden lill-BEI jinkludi fir-rapport tiegħu lill-Parlament informazzjoni dwar is-salvagwardji tal-integrità, il-mitigazzjoni tar-riskju ta' frodi u l-mekkaniżmi ta' rkupru għall-operazzjonijiet marbuta mal-Ukrajna, filwaqt li jiżgura s-sigurtà operazzjonali u l-kunfidenzjalità; itenni t-talba tiegħu biex jiġi żgurat li l-użu tal-assistenza finanzjarja jkun akkumpanjat minn mekkaniżmi ta' sorveljanza effettivi u jsostni li fir-rigward tal-proġetti appoġġjati u assistiti l-BEI għandu jkun jista' jissorvelja b'mod ċar, f'kull ħin u mingħajr restrizzjoni, l-investimenti kollha tiegħu barra mill-UE;

35. Jinnota l-adozzjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI tal-Pjan Direzzjonali Strateġiku Globali tal-BEI; jinnota, barra minn hekk, ir-rwol tal-BEI fil-Global Gateway u s-sħubijiet tal-BEI ma' Tim Ewropa u mas-sħab tan-NU biex iwassal l-akbar impatt fuq il-post; jistieden lill-BEI u lill-Istati Membri jsaħħu r-rwol tal-banek promozzjonali Ewropej u ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra biex jgħinu f'aktar ingranaġġ tal-investiment pubbliku u privat; jitlob lill-

---

4 Fi tmiem l-2024, l-iskopertura totali żborżata kienet tammonta għal EUR 3 227,1 miljun (meta mqabbla ma' EUR 3 144,3 miljun fi tmiem l-2023) u, minn dan l-ammont, EUR 3 068,1 miljun (95 %) huma koperti minn garanziji komprensivi tal-UE, EUR 146,6 miljun (5 %) huma koperti minn garanziji tar-riskju politiku tal-UE u EUR 12,4-il miljun huma koperti taħt mandati ta' kondiviżjoni tar-riskju (meta mqabbla ma' EUR 2 962,7 miljun, jew 94 %; EUR 166,8 miljun, jew 5 %; u EUR 14,8-il miljun, jew 1 %, rispettivament, fi tmiem l-2023).

BEI jiffoka wkoll fuq servizzi pubbliċi essenzjali ħafna fil-proġetti tiegħu barra mill-UE;

36. Jirrikonoxxi li l-Ukrajna qed tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni illegali tar-Russja u li l-isforzi kontra l-korruzzjoni jridu jiġu segwiti kemm jista' jkun filwaqt li jitqiesu dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji; jenfasizza li miżuri robusti kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni huma essenzjali biex tinżamm il-fiduċja tal-kontribwenti u jiġi żgurat appoġġ pubbliku kontinwu għall-Ukrajna; jistieden lill-BEI jiżgura li l-fondi tal-Faċilità għall-Ukrajna jkunu soġġetti għal standards tal-awditjar rigoruż; isostni li l-BEI għandu jkollu sorveljanza mingħajr restrizzjonijiet tal-investimenti kollha tiegħu barra mill-UE;

37. Jistieden lill-BEI jiżgura, b'mod partikolari għall-attivitajiet kollha tiegħu barra mill-UE, fil-ftehimiet kollha ma' intermedjarji, istituzzjonijiet sħab u entitajiet ta' implimentazzjoni, drittijiet ta' aċċess effettivi għall-QEA, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), u d-disponibbiltà ta' rekords tal-awditjar sal-livell tar-riċevituri finali fejn fattibbli, skont ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

Arkitettura tal-obbligu ta' rendikont tal-BEI

38. Jinnota li l-livell attwali ta' obbligu ta' rendikont tal-Grupp tal-BEI huwa r-riżultat tal-fatt li l-BEI jopera taħt reġim doppju li taħtu l-operazzjonijiet appoġġati mill-baġit tal-UE huma skrutinizzati indirettament mill-Kummissjoni u mill-QEA u mill-Parlament fid-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza tal-baġit tal-UE, filwaqt li l-operazzjonijiet iffinanzjati mir-riżorsi proprji tal-BEI li ġejjin mill-Istati Membri – aktar minn tliet kwarti tal-operazzjonijiet tal-BEI – jaqgħu fil-biċċa l-kbira barra mill-awditjar estern sistematiku u mill-iskrutinju parlamentari nazzjonali u Ewropew; jinnota wkoll li l-BEI mhuwa soġġett għall-ebda superviżjoni bankarja esterna, għall-kuntrarju tal-Bank Ċentrali Ewropew, li huwa ssorveljat mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku;

39. Josserva li l-BEI għandu arkitettura interna densa ta' obbligu ta' rendikont u li awditur estern jipprovdi sorveljanza tal-operazzjonijiet u s-sistema kontabilistika tal-BEI; jaqbel li din l-istruttura hija ġeneralment konformi mal-prattiki internazzjonali; jisħaq li, peress li r-rwol tradizzjonali tal-BEI jespandi flimkien ma' użu dejjem akbar ta' strumenti finanzjarji kumplessi u operazzjonijiet imħallta, it-trasparenza u d-divulgazzjoni tal-BEI spiss qed jitpoġġew f'dubju, il-qafas etiku tiegħu huwa subottimali, ir-rapportar lill-Parlament huwa okkażjonali, il-kooperazzjoni mal-Ombudsman Ewropew inbidlet u r-rwol tal-QEA huwa limitat bir-regoli u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni attwali; jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjonijiet tanġibbli mill-BEI biex jindirizza din is-sitwazzjoni, f'konformità mas-sejħiet preċedenti inklużi fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament u d-disponibbiltà

għal djalogu u kooperazzjoni espressi mill-awtorità baġitarja u ta' kwittanza Ewropea;

40. Ifakkar fis-sejbiet tad-dikjarazzjoni tal-Kumitat ta' Kuntatt CC 1/2025, li identifikat formalment lakuni kritiċi fl-awditu pubbliku estern tal-BEI; jinnota l-paradoss li fih il-mandat tal-BEI u l-garanziji baġitarji tal-UE huma estiżi, iżda s-setgħat tal-awditjar għadhom ristretti; jistieden lill-BEI jinvolvi b'mod attiv lill-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar nazzjonali f'dan il-proċess biex jiżgura l-obbligu ta' rendikont għall-operazzjonijiet li bħalissa mhumiex koperti mill-QEA u jiggarantixxi obbligu ta' rendikont u sorveljanza robusti, inkluż permezz ta' kondiviżjoni regolari ta' informazzjoni dwar l-oqsma ta' riskju u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar; itenni li hija meħtieġa bidla fit-Trattat biex, fl-eżerċizzju tal-mandat tagħha, il-QEA tingħata aċċess sħiħ u mingħajr restrizzjonijiet għall-operazzjonijiet kollha tal-BEI bil-għan li r-responsabbiltà demokratika tiġi allinjata mal-iskopertura finanzjarja li qed tevolvi tal-BEI;

41. Jesprimi tħassib dwar il-falliment ta' Northvolt AB, il-manifattur tal-batteriji li ddikjara falliment fl-Iżvezja fit-12 ta' Marzu 2025 wara li bbenefika minn pakkett sostanzjali ta' self tal-BEI ta' ftit aktar minn EUR 942,6 miljun, iffirmat fl-2020 bħala parti mill-finanzjament b'dejn miġbur biex jespandi sit ta' gigafactory; jinnota li jidher li jeżistu riskji simili b'impriżi simili fuq skala kbira bħal Stegra (H2 Green Steel); jitlob id-divulgazzjoni tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-BEI u tal-valutazzjonijiet ta' wara l-operazzjonijiet, inkluża l-evalwazzjoni tal-iskopertura finanzjarja u l-adegwatezza tal-indikaturi ta' twissija bikrija, hekk kif il-proċessi li għaddejjin bħalissa jippermettu; jeżiġi rieżami tat-tagħlimiet meħuda mill-każ ta' Northvolt; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Bord tad-Diretturi tal-BEI jistabbilixxu mekkaniżmi għall-identifikazzjoni bikrija ta' riskji sistemiċi f'investimenti ewlenin sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' sitwazzjonijiet simili; jistieden lill-BEI jiżvela l-profili tal-valutazzjoni tar-riskju għal dawn l-impenji u oħrajn simili, inkluż għar-riskji ta' governanza, ta' konċentrazzjoni u teknoloġiċi, b'mod aggregat kif xieraq u konformi mal-kunfidenzjalità; itenni t-talba tiegħu lill-BEI biex jipprovdi dettalji tal-proċess ta' evalwazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet li seħħ qabel l-investiment f'Northvolt AB, u biex jispjega kif tali proġett kruċjali falla minkejja l-affermazzjonijiet tal-BEI li jwettaq monitoraġġ adegwat u kontinwu tal-benefiċjarji tal-appoġġ finanzjarju tiegħu;

42. Jistieden lill-BEI jistabbilixxi ttestjar tal-istress imsaħħaħ u limiti ta' konċentrazzjoni tar-riskju għal proġetti strateġiċi kbar, u jirrapporta lill-Parlament dwar l-iskopertura aggregata għal mutwatarji uniċi b'riskju għoli;

43. Jistieden lill-BEI jevalwa b'mod sistematiku u jirrapporta pubblikament dwar l-inċidenza ta' pagamenti tard u fallimenti tal-

benefiċjarji fil-portafoll tas-self tiegħu; jinsisti li tali evalwazzjoni għandha tinkludi analiżi tal-kawżi ewlenin biex jiġi identifikat jekk il-fallimenti jirriżultawx minn diliġenza dovuta inadegwata, xokkijiet esterni, jew kwistjonijiet sistemiċi fil-metodoloġiji tal-għażla tal-proġetti; jisħaq li rappurtar trasparenti huwa essenzjali sabiex jiġi vvalutat il-valur għall-flus u tinżamm il-fiduċja tal-kontribwenti;

44. Jinsisti bil-qawwa fuq it-tisħiħ tal-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess fid-dawl tal-każijiet reċenti ta' revolving door u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew; jappella għar-reviżjoni tal-kodiċi ta' kondotta biex jiġu infurzati perjodi ta' preklużjoni aktar stretti għall-Viċi Presidenti tal-BEI, tingħata s-setgħa lill-Kumitat tal-Etika u l-Konformità biex jimponi miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, u jiġu stabbiliti regoli aktar ċari dwar il-parteċipazzjoni tal-Viċi Presidenti tal-BEI fid-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom; jissottolinja l-informazzjoni ppubblikata reċentement li tidentifika ħames każijiet mill-2019 ta' eks membri tal-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BEI allegatament involuti f'sitwazzjonijiet ta' revolving door, inkluż każ li fih Viċi President tal-BEI nħatar membru tal-bord ta' entità li għaliha kien iffirma self tal-BEI; jinnota li l-perjodu ta' preklużjoni ġie estiż għal 24 xahar; ifakkar li l-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija huma mitluba jinfurmaw lill-Kumitat tal-Etika u l-Konformità dwar kwalunkwe negozjat ta' impjieg prospettiv u jiksbu l-approvazzjoni tiegħu; jaqbel mal-fehma tal-Ombudsman Ewropew li r-rwol tal-Kumitat tal-Etika u l-Konformità tal-BEI għandu jissaħħaħ; ifakkar li l-miżuri ta' mitigazzjoni, bħad-delimitazzjoni u l-perjodi ta' preklużjoni, għandhom jitqiesu bħala inkontestabbli;

45. Jinnota bi tħassib l-eżistenza ta' awditu intern żvelat tal-BEI li jindika li d-dispożizzjonijiet dwar il-kunflitt ta' interess jeħtieġu titjib sinifikanti, inkluż in-nuqqas li jkopru kunflitti apparenti u potenzjali; jenfasizza li d-dikjarazzjonijiet ta' interess mill-korpi governattivi u tal-awditjar tal-BEI u tal-FEI huma allinjati ħażin ma' banek multilaterali oħra tal-iżvilupp u mal-Bank Ċentrali Ewropew u jridu jiġu rettifikati mingħajr dewmien; jissottolinja n-nuqqas ta' awtorità, indipendenza u kamp ta' applikazzjoni tal-funzjonijiet ta' konformità tal-etika tal-BEI u tal-FEI u r-riskji maħluqa minn linji ta' rapportar kumplessi li jesponu data personali sensittiva; iħeġġeġ lill-BEI jallinja r-regoli tiegħu mal-Ethics Network of Multilateral Organisations (Network ta' Etika tal-Organizzazzjonijiet Multilaterali) u jirrapporta dwar l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda;

46. Huwa konxju li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001[5] ma japplikax formalment għall-BEI u li l-Politika ta' Trasparenza tal-BEI, ibbażata

---

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

fuq il-“preżunzjoni ta’ divulgazzjoni”, hija maħsuba biex topera separatament minn dan ir-regolament, iżda allinjata miegħu; jistieden lill-BEI, fil-kuntest tar-rieżami tiegħu tal-Politika ta’ Trasparenza tal-2026, jillimita l-eċċezzjonijiet għall-“preżunzjoni ta’ divulgazzjoni” għal każijiet strettament meħtieġa u ġustifikati; jistieden lill-BEI jippubblika minuti aktar dettaljati tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi tiegħu, inklużi rekords tal-votazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet speċifiċi għall-proġetti, filwaqt li jirrispetta l-kunfidenzjalità leġittima fejn ikun strettament meħtieġ;

47. Jinnota l-għadd dejjem jikber ta’ każijiet ittrattati mill-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-BEI (113-il każ fl-2024, 104 fl-2023 u 97 fl-2022); jisħaq li l-mekkaniżmu tal-ilmenti jibqa’ proċess awtoreferenzjali għas-soluzzjoni tat-tilwim inkorporat bis-sħiħ fl-istruttura tal-BEI, għad-detriment tal-indipendenza tiegħu, li s-sejbiet tiegħu huma soġġetti għal rieżami u approvazzjoni mill-istess strutturi ta’ tmexxija li suppost jiskrutinizza; jinnota li l-ħatriet isiru internament mingħajr sorveljanza esterna; jiddispjaċih għall-fatt li ma jirrapportax każijiet individwali lill-Bord tad-Diretturi iżda biss sommarji aggregati f’rapporti ta’ darbtejn fis-sena; jistieden lill-BEI jirriforma l-mekkaniżmu tal-ilmenti biex jiżgura indipendenza ġenwina u obbligu ta’ rendikont estern;

48. Jinnota ż-żieda fl-ammont ta’ xogħol tad-Diviżjoni tal-Investigazzjonijiet (IG/IN) fl-2024 (244 allegazzjoni ġdida, li minnhom 49 ġew riferuti lill-OLAF u lill-UPPE); jiddispjaċih għal-fatt li r-rapport annwali tal-IG/IN għadu nieqes minn informazzjoni adegwata dwar id-daqs finanzjarju, il-fondi u l-mandati affettwati, it-tipi ta’ proġetti, il-miżuri ta’ mitigazzjoni, u l-Istati Membri kkonċernati; jistieden mill-ġdid lill-Ispettur Ġenerali tal-BEI u lill-Kap tal-IG/IN itejbu l-kwalità tad-data u jinvolvu ruħhom mal-Parlament biex jikkontribwixxu aħjar għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji involuti, filwaqt li jfittxu bilanċ xieraq bejn it-trasparenza u l-kunfidenzjalità; jisħaq li tali rapportar għandu jinkludi analiżi tal-kawżi ewlenin biex jiġi identifikat jekk il-fallimenti jirriżultawx minn diliġenza dovuta inadegwata, fatturi esterni, jew kwistjonijiet sistemiċi fil-metodoloġiji tal-għażla tal-proġetti;

49. Jilqa’ l-kooperazzjoni tal-Grupp tal-BEI mal-OLAF, l-UPPE u l-Europol u jinnota d-29 riferiment irrapportati tiegħu lill-OLAF u 20 riferiment lill-UPPE fl-2024; jilqa’ l-interess tal-BEI li jikseb aċċess għall-għodda għall-kejl tar-riskju ARACHNE tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita tali aċċess mingħajr dewmien, sabiex issaħħaħ id-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi fl-operazzjonijiet kollha tal-BEI;

50. Jinnota bi tħassib li s-sistema awtonoma ta’ esklużjoni tal-BEI u s-Sistema ta’ Identifikazzjoni Bikrija u ta’ Esklużjoni (EDES) tal-Kummissjoni mhumiex kompletament ekwivalenti u ma joperawx b’reċiproċità awtomatika; jistieden lill-BEI jallinja bis-sħiħ il-Politika

ta’ Esklużjoni tiegħu mal-EDES tal-Kummissjoni f’termini ta’ standards, riżultati u rimedji tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku sistematiku tad-deċiżjonijiet ta’ esklużjoni fejn ikun legalment possibbli; itenni t-talba tiegħu lill-Grupp tal-BEI u lill-Kummissjoni biex jikkooperaw bil-għan li jidentifikaw il-lakuni potenzjali u jipproponu rimedji, inkluża proċedura mħaffa biex jiġu infurzati d-deċiżjonijiet ta’ esklużjoni tal-BEI permezz tal-EDES;

51. Jilqa’ l-programm ta’ konformità tas-sanzjonijiet tal-BEI u jitlob rapportar regolari dwar il-kontrolli tal-iskrinjar tas-sanzjonijiet u s-salvagwardji kontra ċ-ċirkomvenzjoni f’operazzjonijiet iffinanzjati mill-BEI; jistieden lill-Grupp tal-BEI jtejjeb il-proċeduri ta’ skrinjar għall-investimenti fl-ekwità magħmula permezz ta’ intermedjarji finanzjarji, inklużi fondi ta’ kapital ta’ riskju;

52. Jinnota li, fl-10 ta’ Ġunju 2024, il-BEI ppubblika Anness XII tar-Regoli tal-Persunal tiegħu, bit-titolu “Framework for recognition of trade unions at the European Investment Bank” (Qafas għar-rikonoxximent tat-trade unions fil-Bank Ewropew tal-Investiment); jinnota l-isforzi kontinwi tal-BEI rigward il-benesseri tal-persunal, inkluża s-saħħa mentali, u l-opportunitajiet indaqs; jistieden lill-BEI jsaħħaħ il-politiki dwar id-diversità u l-inklużjoni, inklużi miżuri li jindirizzaw l-inklużjoni tad-diżabbiltà u l-opportunitajiet indaqs; ifakkar fl-importanza ta’ rappreżentanza ġeografika u bilanċ bejn il-ġeneri ġusti fil-pożizzjonijiet ta’ reklutaġġ u ta’ tmexxija, filwaqt li jafferma mill-ġdid li l-għażla bbażata fuq il-mertu għandha tkun il-kriterju primarju u jitlob lill-BEI jirrapporta dwar ir-rappreżentanza ġeografika u tal-ġeneru fil-livelli kollha;

53. Ifakkar fl-importanza tal-protezzjoni tal-informaturi u oqfsa b’saħħithom kontra l-korruzzjoni;

Trasparenza, skrutinju u sorveljanza

54. Jirrikonoxxi li l-kompiti ewlenin rilevanti tal-awditjar huma fdati lill-Kumitat tal-Verifika tal-BEI; jemmen li l-parteċipazzjoni ta’ rappreżentanti esterni kwalifikati f’kompiti speċifiċi tal-Kumitat tal-Verifika tista’ ttejjeb l-oġġettività tal-analiżijiet tal-Kumitat tal-Verifika;

55. Jinnota li t-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni tjiebu f’dawn l-aħħar snin, bħal sforzi biex tittejjeb id-dokumentazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluża l-indikazzjoni tal-maġġoranzi meħtieġa fejn applikabbli; josserva li d-divulgazzjonijiet fil-livell tal-proġetti u t-traċċabbiltà għadhom irregolari, speċjalment għal operazzjonijiet li jinvolvu intermedjarji finanzjarji u strutturi ta’ garanzija kumplessi; jistieden lill-BEI jallinja aħjar l-indikaturi interni tiegħu mal-istandards ta’ sostenibbiltà fl-UE kollha (pereżempju, billi jirrettifika d-diskrepanza bejn il-metrika tal-Proporzjon tal-Azzjoni Klimatika tal-BEI u l-metrika tal-Proporzjon tal-Assi Ekoloġiċi tal-UE); ifakkar li

rapportar adegwat huwa prekundizzjoni meħtieġa għat-trasparenza u jiddispjaċih għall-fatt li r-rapportar lill-Parlament jiddependi minn apparenzi volontarji u okkażjonali tal-President tal-BEI, jew fil-plenarja jew f'laqgħa mal-kumitat b'kompetenzi settorjali;

56. Jinnota s-sejbiet tal-Indiċi tat-Trasparenza tal-2025 tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji għall-Iżvilupp, li jindikaw li l-BEI għandu punteġġi inferjuri għall-banek multilaterali oħra tal-iżvilupp, bħall-Bank Dinji, il-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp u l-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, fir-rigward tal-metriċi ġenerali tat-trasparenza; jirrikonoxxi, madankollu, il-punti b'saħħithom sinifikanti tal-BEI identifikati fir-rapport ta' Novembru 2025 "Behind the Billions"[6] (Wara l-Biljuni), li jimmarka d-divulgazzjoni tal-BEI bħala prattika tajba biex tipprovdi traċċabbiltà kważi sħiħa tal-finanzjament tiegħu għall-klima; jenfasizza li l-BEI issa għandu jisfrutta t-tmexxija murija tiegħu fil-kopertura tad-data biex jipprovdi d-data granulari dwar l-impatt u l-metodoloġiji standardizzati meħtieġa bil-għan li jivverifika l-effettività u l-valur għall-flus tal-investimenti tiegħu;

57. Huwa konxju li s-self tal-BEI mhuwiex soġġett għall-istess obbligi ta' viżibbiltà bħall-għotjiet; jitlob, madankollu, lill-BEI jiżgura li l-oqfsa kuntrattwali u legali applikabbli jipprevedu trasparenza fil-proġetti kollha ffinanzjati b'appoġġ mill-BEI u indikazzjoni ċara li huma ffinanzjati bl-appoġġ taċ-ċittadini tal-Istati Membri, sabiex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-benefiċċji tanġibbli mogħtija mill-investiment tal-UE u tissaħħaħ il-fiduċja tal-kontribwenti fl-użu tar-riżorsi pubbliċi;

58. Itenni l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-importanza li tiġi implimentata bis-sħiħ politika dwar il-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa; jilqa' l-ittestjar ta' għodda ġdida għall-klassifikazzjoni tar-riskju tal-integrità tat-taxxa fl-2024 biex jiġu vvalutati r-riskji tat-taxxa fil-proġetti u jistenna bil-ħerqa l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni fil-Grupp kollu fl-2025; itenni t-talba tiegħu lill-BEI biex joqgħod lura milli jiffinanzja benefiċjarji jew intermedjarji finanzjarji li nstabu li huma, jew li huma f'riskju għoli li jkunu, involuti fi prattiki ħżiena tat-taxxa u jissottolinja li t-tassazzjoni doppja ta' investimenti transfruntiera, kif ukoll ambjenti tat-taxxa kumplessi, jillimitaw l-investimenti;

59. Jiddispjaċih dwar id-dewmien tal-BEI biex jipprovdi segwitu għar-rapport annwali tal-Parlament dwar il-kontroll tal-attivitajiet

---

6 Publish What You Fund, 'Behind the Billions: Tracking the missing pieces of MDB climate finance data" (Wara l-Biljuni: Traċċar tal-biċċiet neqsin tad-data dwar il-finanzjament għall-klima tal-MDBs), Novembru 2025.

finanzjarji tiegħu għas-sena 2023[7], li tradizzjonalment jiġi pprovdut f'konformità ma' prattika stabbilita f'ħafna snin preċedenti; jisħaq li kooperazzjoni aktar strutturata u prevedibbli tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet; isostni li memorandum ta' qbil jew ftehim interistituzzjonali huwa essenzjali biex tiġi stabbilita tali kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni, is-seduti ta' smigħ u s-segwitu, li jistabbilixxu formalment il-prattiki li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma diġà stabbiliti mal-BEI; jilqa' d-disponibbiltà ddikjarata tal-BEI li jidħol fi djalogu biex jiżgura li l-kooperazzjoni tkun ibbażata fuq impenji istituzzjonali prevedibbli aktar milli fuq arranġamenti informali; itenni t-talba tiegħu biex dan l-arranġament jiġi ffinalizzat malajr; jitlob li jiġu esplorati aktar modi biex tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-Parlament, il-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar u għal skambju msaħħaħ mas-soċjetà ċivili u l-akkademja, li jrawwem trasparenza akbar;

Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament

60. Iħeġġeġ lill-BEI jagħti segwitu, f'waqtu, għar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Parlament u jirrapporta dwar l-eżiti miksuba u dwar l-impatt tal-azzjonijiet meħuda biex jiġu implimentati l-prijoritajiet tiegħu u l-politiki tal-UE, b'attenzjoni speċjali fuq:

(a) l-impatti (ekonomiċi, ambjentali u soċjali) tal-istrateġija ta' investiment tiegħu u r-riżultati miksuba biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp bilanċjat u regolari tas-suq intern fl-interessi tal-UE,

(b) l-azzjonijiet adottati biex jissaħħu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kunflitti ta' interess, il-frodi, il-korruzzjoni u forom potenzjali oħra ta' mġiba ħażina;

(c) il-miżuri ġodda biex tissaħħaħ it-trasparenza;

(d) il-miżuri biex jissaħħaħ l-appoġġ għall-SMEs u l-operaturi ekonomiċi eliġibbli matul l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE;

°

° °

---

7 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 2025 dwar il-kontroll tal-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment – rapport annwali 2023 (ĠU C, C/2026/574, 24.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/574/oj).

61. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u jitlob lill-Kunsill u lill-Bord tad-Diretturi tal-BEI jkollhom dibattitu dwar il-pożizzjonijiet tal-Parlament hawnhekk ippreżentati.